

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 125/2010

tal-10 ta' Novembru 2010

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2010 tat-2 ta' Lulju 2010 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/967/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-tessuti għall-kisi tal-art <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/18/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lill-kisi tal-injam tal-art <sup>(3)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 2z (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/543/KE) tal-Anness XX tal-Ftehim:

- "2za. **32009 D 0967**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/967/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-tessuti għall-kisi tal-art (ĠU L 332, 17.12.2009, p. 1).

2zb. **32010 D 0018**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/18/KE tas-26 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għotja tal-Ekotikketta Komunitarja lit-tessuti għall-kisi tal-art (ĠU L 8, 13.1.2010, p. 32)."

## Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2009/967/KE u 2010/18/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

<sup>(1)</sup> ĠU L 277, 21.10.2010, p. 47.

<sup>(2)</sup> ĠU L 332, 17.12.2009, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 8, 13.1.2010, p. 32.

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.